# IL-PULIZIJA

Ħarġa Vol.10 Nru 9 Awissu 2002

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS






**DANGER: Dept of Health Warning.**
**IF YOU STOP SMOKING YOU IMPROVE YOUR HEALTH AND LIVE LONGER**

# Kumment Editorjali

Il-Korp tal-Pulizija għalaq żmienu. Fit-12 ta' Lulju, 2002 fakkar il-188 sena ta' ħidma fis-soċjetà Maltija. Kemm dawk li kienu fil-Korp u li għadhom ħajjin kif ukoll dawk il-membri li għadhom iservu lill-pajjiż għandhom ikunu kburin li flimkien iċċelebrajna dan il-jum hekk importanti.

Dak li kien jinħass ta' bżonn mill-Gvernatur Ingliż Sir Thomas Maitland fl-1814 żgur li qed jinħass iktar importanti fis-soċjetà li qed ngħixu fiha llum mill-awtoritajiet tal-pajjiż.

Barra ċ-ċelebrazzjonijiet li huma ferm importanti u li jservu żgur ta' ġid għar-relazzjonijet iktar mill-qrib mal-pubbliku, irridu nħarsu 'l quddiem. Il-Korp huwa xi ħaġa ħajja u allura irid jiġġieled. Dak li b'xi mod għamilna ħażin u għarafnieh, irridu nneħħuh. Irridu nitgħalmu mhux biss mill-esperjenzi ta' ħaddieħor, imma minn tagħna wkoll. Irridu nkomplu nimmodernizzaw aktar l-għasses tal-Pulizija, bħal ma qed isir irridu naħsbu f'aktar metodi effiċjenti u l-metodi tradizzjonali jinħtieġ li jiġu aġġornati u kumplimentati b'metodi ġodda. Jinħtieġ li nersqu aktar viċin il-pubbliku.

Irridu nkomplu ntejbu l-livell ta' edukazzjoni tal-membri tal-Korp biex b'hekk inkunu nistgħu nħarsu 'l quddiem u nibqgħu niċċelebraw dan il-jum b'għożża u b'imħabba kbira.

# F'din il-Ħarġa


Żjara mill-E.T. il-President ta' Malta 3
Żjara mill-Prim Ministru fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija 5
Konferenza ta' l-aħbarijiet 7
188 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-pulizija 9
Tberik ta' l-Oqbra 15
12th July 2002 - Police Day 17
Esibizzjoni ta' Delizzji 2002 25
Modernizzar fl-għases tal-Pulizija 26
Għoti ta' Ċertifikati mill-Kummissarju tal-Pulizija 27
Sports 29
Apprezzament mill-pubbliku 33
Blood Donation - Silent Drill Team 35
Riċeviment għal persuni bi bżonnijiet speċjali 37
Att ta' min ifaħħru 39
Għaqda Pulizija Pensjonanti 40
Obitwarju 44



**Editur:**
P.S. 512 Martin Ellul

**Membri tal-Bord Editorjali:**
Spettur David Saliba
Spettur Kenneth Haber
P.S. 860 Keith Caruana
W.P.C. 93 Carol Fabri



**Volum 10 Numru 9**
Maħruġ mill-Pulizija

Kull Korrispondenza għandha tkun ittapjata u għandha tintbagħat lill-

**Editur "Il-Pulizija"**
**C.M.R.U.**
**Police Headquarters**
**Floriana - CMR 02**

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magażin mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

"Il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nheġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu.





*Mill-Parata tat-12 ta' Lulju*
*Ritratti meħuda minn*
*P.S. 516 Alfio Borg*


Riklami miġbura minn

Millennium Marketing Ltd.
Johnny Catania Street, Msida
Tel/Fax: 2133 6481
Mob: 9989 9492

Graphic Line
30, St. Joseph, Triq San Pietru, Fgura PLA 15
Tel/Fax: 2180 2938 • Mobile: 7980 2938
e-mail: jjzc@onvol.net



PORTOMASO
MALTA
PORTO VINO
wine bar
Don Antonio's
fresh fish & Pasta
Buffalo Bill's
STEAK HOUSE
RIO
A True Brasilian Restaurant
禅
Zen
Sushi & Japanese Cuisine
CAESAR'S CAFE'
THE Salty Dog PUB
Buffalo Bill's Steak House • Tel: (+356) 2138 9290 / 1
Don Antonio's - Fresh Fish & Pasta • Tel: (+356) 2138 4100
Caesar's Café • Tel: (+356) 2138 9300
The Salty Dog Pub • Tel: 2138 9293
Porto Vino Wine Bar • Tel: (+356) 2138 9289
Zen - Sushi & Japanese Cuisine • Tel: (+356) 2138 6500
Rio - A True Brasilian Restaurant • Tel: (+356) 2138 3345
A True Night Out Experience !

# Żjara mill-E.T. il-President ta' Malta

Il-President ta' Malta, l-ET Prof Guido de Marco, għamel żjara fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2002. Hu kien akkumpanjat mill-Ministru għall-Intern u Ambjent, Dr. Tonio Borg kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u d-Deputat Kummissarju Joseph Cachia.



L-E.T. flimkien mal-Ministru u l-Kummissarju

Fl-ewwel parti taż-żjara, hu inawgura żewġ lapidi li fakkru żewġ kuntistabbli tal-pulizija li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom li taw ukoll isem ġdid lit-taqsimiet speċjalizzati tal-Korp. Fil-fatt, it-Taqsima ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali (CID) issemmiet għal PC 949 Roger Debattista, li nqatel waqt hold-up fit-12 ta' Novembru 2001. It-Taqsima ta' kontra l-Vizzji, li tinkorpora l-***Economic Crimes Unit*** u ***Victim Support Unit*** (ma' l-istess parti tal-bini jinsab il-laboratorju forensiku), issemmiet għal PC 525 Mark Farrugia, li nqatel fl-20 ta' Marzu 1999. Iż-żewġ taqsimiet fihom uffiċċini li jospitaw madwar 24 spettur u l-iskwadri tagħhom kif ukoll kmamar għall-interrogazjoni, kmamar għal-laqgħat, kif ukoll żewġ *Registries*.Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, ddeskriva ż-żewġ kuntistabbli bħala "kollegi xempju tad-doveri tagħhom" u pulizija serji li għandhom iservu ta' gwida għall-membri tal-Korp. Kien għalhekk li ngħażlu żewġ taqsimiet speċjalizzati biex jissemmew għalihom.




L-E.T. fil-Mounted Section

Il-President kompla ż-żjara tiegħu fil-Marsa, fil-kwartieri tal-Kavallerija, fejn kien muri x-xogħolijiet ta' rinnovament li saru f'parti mill-istalel. Fost ix-xogħolijiet il-ġodda hemm *shower* magħmul apposta għaż-żwiemel li ngħata kisja ta' lastku fl-art. Jilqgħu lill-President kien hemm l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, li hu nkarigat mill-***Protective Services*** kif ukoll fizzjali fi ħdan l-i***Special Assignment Group*** (SAG).Fil-Marsa, il-President, il-Ministru u l-Kummissarju ingħataw plakka kommemorattiva li kien fiha l-arma tal-pulizija u nagħla b'iskrizzjoni li tfakkar l-okkażjoni. Il-Kummissarju qal li qiegħda ssir ir-ronda biż-żwiemel f'postijiet bħal Birżebbugia, tas-Sliema kif ukoll Buġibba, liema ronda intlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku. Il-President faħħar il-progress li sar kemm fil-Kwartieri

*ikompli f'paġna 6*




CHARLES GRECH & CO. LTD., VALLEY ROAD B'KARA • TEL: 444400, 444401 • FAX: 444417

# Żjara mill-Prim Ministru fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

"Il-Pulizija irid ikollha lealta' lejn il-pajjiż u mhux il-Gvern, u trid taffronta l-isfidi ta' żminijietna. Il-fiduċja tal-pubbliku fil-Korp ma tiġix b'kumbinazzjoni u l-Korp irid jaġġorna maż-żminijiet. Nieħu pjaċir li l-Korp qed jirnexxi kif inhu."

Dan qalu l-Prim Ministru f'diskors qasir li sar f'għeluq ikla li ngħatat



*Il-PM jiġi milqugħ mill-Kummissarju fl-entratura ta' Blokk Amministrattiv tad-D.I.K.*

f'ġieħu mill-Kummissarju fil-Kwartieri Ġenerali fil-Floriana. L-ikla għalqet iż-żjara li għamel minn fil-għodu l-Prim Ministru. Din iż-żjara bdiet mit-taqsima ta' l-Investigazzjoni Kriminali u dik ta' kontra l-Vizzji, fejn Dr. Eddie Fenech Adami ġie muri l-uffiċini u l-faċilitajiet il-ġodda, fosthom il-kmamar ta' l-interrogazzjoni. Hu kellu l-okkażjoni jiltaqa' mal-fizzjali u l-membri tal-korp li jaħdmu fid-diversi sezzjonijiet speċjalizzati.

Mill-Floriana, il-Prim Ministru inawgura l-għassa l-ġdida ta' l-Imtarfa. Din l-għassa hi parti mill-qasam tad-djar li hemm fil-lokalita'. Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm il-Ministru għall-Intern u Ambjent Dr. Tonio Borg, diversi uffiċċjali għolja tal-Korp kif ukoll is-Sindku tal-lokal.



*Iż-żjara tal-P.M. fis-Sezzjoni tal-Kavallerija tal-Pulizija fil-Marsa.*

Mill-Imtarfa, il-Prim Ministru żar l-għassa l-ġdida ta' l-Imdina. L-għassa tinsab faċċata tat-Torre dello Stendardo, li issa qiegħed jiġi restawrat. Il-bini ta' l-għassa sa ftit żmien ilu kien propjeta' tal-Maltacom u kien jintuża bħala *exchange* sal-1990. Dan inxtara mill-kumpanija u kien trasformat f'għassa. Ix-xogħol kollu sar minn membri tal-Korp. Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm ukoll il-viċi-Sindku ta' l-Imdina.

Iż-żewġ għases kienu mbierka mill-Kappillan tal-Korp, is-Supt. Fr. Raniero Żammit (Kapuċċin). Inkixfu lapidi għall-okkażżjoni mill-Prim Ministru. F'diskors li għamel fiż-żewġ okkażżjonijiet, il-Prim Ministru qal li wara li ra l-*upgrading* u x-xogħol ġdid li sar f'għases għall-Imtarfa, B'Kara u anki l-Kwartieri Ġenerali, jinsab ċert li dan mhux 'incident sporadiku' iżda sforz li l-intenzjoni tiegħu hu li jgħola l-livell tas-servizz tal-Korp. Din hi kultura ġdida li tieħu post mentalita' fejn "kollox jgħaddi" jew "jiddobba".

Min-naħa tiegħu, il-Kummissarju kkummenta li l-Imtarfa għandha



*Il-P.M. meħud jara l-għassa ta' l-Imtarfa*

*ikompli f'paġna 6*

*jaqbad minn paġna 5*



*Il-Kummissarju jagħti xi rigali lill-P.M. waqt l-ikla mogħtija fil-Kwartieri tal-Pulizija.*

iktar minn 2000 resident, u dan jimmerita li l-lokalita' jkollha għassa. Il-ħatra riċenti ta' kuntistabbli ġodda tippermetti li jinfetħu l-għases u li jinżammu miftuħa. Fil-każ ta' l-Imtarfa u ta' l-Imdina, se jkunu miftuħa fuq bażi permanenti. Hu faħħar lill-membri tal-Korp li ħadu ħsieb li ilestu l-għases.

Il-Ministru Tonio Borg irrimarka li mhux il-Pulizija biss għandha żżomm l-ordni għax l-għassa, waħedha, mhix biżżejjed biex tagħti riżultati.

Wara li żar l-għassa ta' l-Imdina, il-Prim Ministru ttieħed fit-taqsima tal-Kavallerija, fejn kien muri r-*refurbishment* ta' parti mill-istalel, u *shower* ġdid magħmul apposta għaż-żwiemel. Ix-xogħol sar waqt il-ħin liberu tal-membri tat-taqsima u ilu li mbeda minn Jannar 2002. Fil-futur għandha titkompli l-*wing* l-oħra.

F'din iż-żjara, il-Prim Ministru kien ippreżentat bi plakka kommemorattiva mgħotija lilu mill-Kummissarju. Waqt waqfa qasira għal bibita, il-Prim Ministru qagħad jitkellem mal-membri tat-taqsima dwar ir-ronda li jwettqu u r-riskji li jiltaqgħu magħhom fuq ix-xogħol.

Iż-żjara ntemmet meta l-Prim Ministru rritorna lejn il-Kwartieri Ġenerali fejn ingħata ikla f'ġieħu mill-Kummissarju. Wara l-ikla, hu kien ippreżentat b'sett ta' *cap badges* li jintlibsu fuq l-elmu u mal-egħnuq tal-qomos u ġgieget differenti li jużaw il-pulizija, kif ukoll CD tal-banda tal-Korp, liema CD għad irid jiġi mniedi.

*jaqbad minn paġna 3*

Ġenerali kif ukoll fil-Kavallerija. Hu qal li l-Korp qiegħed biex iservi lill-poplu u l-*image* tiegħu hi mportanti. Il-Ministru qal li l-poplu Malti jħobbhom l-annimali u rrefera għall-kummenti pożittivi li jirċievi dwar l-*image* tal-pulizija tal-Kavallerija li tagħmel ir-ronda.

Fl-aħħar parti taż-żjara, il-President inawgura lapida fid-daħla tal-Kwartieri Ġenerali fil-Floriana li fiha lista tal-Ministri u Prim Ministri li kienu nkarigati mill-Pulizija. Il-lista tibda bil-Konti Caruana Gatto li kien Ministru għall-Intern f'Ottubru 1921. Il-President kompla billi ttieħed fil-Mużew tal-Pulizija fejn ra wkoll estensjoni li qiegħda titħejja għal dan il-Mużew. Waqra saret ikla ad unur l-Eċċellenza Tiegħu fl-istess kwartieri.




*L-E.T. jikxef il-lapida*

# Konferenza ta' l-aħbarijiet

F'konferenza ta' l-aħbarijiet, il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo spjega l-programm kollu. Fost id-diversi attivitajiet, il-Korp fetaħ għall-pubbliku 11-il Għassa, parti mill-Kwartieri Ġenerali kif ukoll l-Akkademja tal-Pulizija. Il-Banda tal-Pulizija kif ukoll il-*Precision Drill Team*, l-Erbgħa 3 ta' Lulju, taw wirjiet f'Buġibba bil-programm jibda fit-8.30 p.m. Wirjiet oħra saru l-Ħamis fil-Mellieħa, il-Ġimgħa f'Ħal Lija, is-Sibt f'Tas-Sliema, il-Ħadd f'Wied il-Għajn, filwaqt li l-Erbgħa, 10 ta' Lulju l-Banda u l-*Precision Drill Team* esibixxew f'Birżebbuġa.

Il-Ħamis, 4 ta' Lulju l-Korp laqa' tfal minn Chernobyl fejn se ittieħdu jżuru diversi taqsimiet tal-Korp. Il-Ħadd, 7 ta' Lulju fid-9.00 a.m. saret Quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u wara sar servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija. L-għada t-Tnejn sar il-ftuħ uffiċjali ta' wirjiet fil-Kavallier ta' San Ġakbu fejn il-grupp mużikali tal-Pulizija kienu preżenti. Attrazzjoni ġdida kienet tinda li ttellgħet f'Misraħ il-Ħelsien f'Bieb il-Belt. Taħt din it-tinda kien hemm ftit minn kull taqsima tal-Korp biex il-pubbliku seta jara u jistaqsi dak kollu li jrid ikun jaf fuq il-Pulizija ta' Malta.


*Il-Kummissarju waqt il-Konferenza*

Il-Ħamis, 11 ta' Lulju saret il-*Passing Out Parade* tat-72 rekluta ġodda fl-Akkademja tal-Pulizija. Minn dawn hemm 41 raġel u 31 mara. Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet intlaħqu nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, Jum il-Pulizija. Fid-8.45 a.m. saret Quddiesa Pontifikali fil-Kappella tad-Depot immexxija mill-E.T. l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. L-attivitajiet waslu uffiċjalment fi tmiemhom il-Ħadd, 14 ta' Lulju bi programm f'Għawdex fejn fis-6.00 p.m. saret Quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija fix-Xewkija, f'Għawdex. Fit-8.00 p.m. kien hemm wirjiet mill-Banda u l-*Precision Drill Team*. Dakinhar l-Għassa ta' Victoria se kienet miftuħa għall-pubbliku.

Intant fl-istess konferenza tħabbar li għall-ewwel darba l-Banda tal-Pulizija se toħroġ CD.

Il-Kummissarju Rizzo ħabbar ukoll li biex l-għases setgħu jinfetħu għall-pubbliku kellu jsir ħafna xogħol ta' refurbishment. Ix-xogħol kollu sar mill Pulizija stess. Proġett li l-Korp qed jaħdem fuqu huwa dak biex jgħin lill-Eden Foundation. Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li barra xogħol manwali fi swali ġodda li l-Fondazzjoni Eden qegħda tibni, il-Korp se jgħin ukoll fi ġbir ta' fondi għall-istess għan.


*Is-Sur Rizzo jitkellem ma xi ġurnalisti*

# The art of decorative iron



**TRANSMEC SERVICES LTD.**

TRANSPORT, MECHANICAL SERVICES & SUPPLIERS OF BUILDING MATERIALS

Wied il-Għasel,
Burmarrad SPB 08
Tel: 21576151, 21580908
Fax: 21576151
e-mail: transmec@maltanet.net
website: www.transmecmalta.com

# 188 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

## Attivitajiet: 1 ta' Lulju sa 14 ta' Lulju 2002

***It-Tnejn 1 ta' Lulju, 2002***

9.00 am - 5.00 pm

**VALLETTA POLICE STATION** - ***Open Day***



*Membru tal-Korp jagħti d-demm*

***It-Tlieta 2 ta' Lulju, 2002***

9.00 am - 5.00 pm

**QORMI POLICE STATION** - ***Open Day***



*Open day l-għassa tal-Belt Valletta*

***L-Erbgħa 3 ta' Lulju, 2002***

9.00 am - 1.30 pm

**Buġibba** - Iddoqq il-Banda tal-pulizija,
Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb
Preżenti: Żewġ żwiemel tal-



*Il-Banda tal-Pulizija f'Buġibba*



*Is-Silent Drill f'Buġibba*

Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku / rikkieb

9.00 am - 5.00 pm

**QAWRA POLICE STATION** - ***Open Day***



*Żwiemel tal-Pulizija*



*Klieb tal-Pulizija f'Buġibba*



*It-tfal jiġu mdawwra mill-Ispettur C. Micallef fit-Taqsima tal-Klieb*

***Il-Ħamis 4 ta' Lulju, 2002***

10. 00 am

Żjara mit-tfal ta' Chernobyl - ***Dogs***



*Is-Surġent Abdilla (CMRU) mat-tfal fl-istalel taż-żwiemel*

# Dominic Dept. Stores. Ltd.

96, Psaila Street Birkirkara Malta • Tel: 2148 0529, Fax: 2149 6643
St. Leonard Street Victoria Gozo • Tel: 2155 2919, Fax: 2156 0212
E-mail: ddsltd@waldonet.net.mt



**Industrial Ceiling Fan 48"**
Lm11.40



**Industrial Ceiling Fan 56"**
1 Lamp
Lm16.75



**Decorative Ceiling Fan 52"**
1 Lamp
Lm20.50



**Decorative Ceiling Fan 52"**
5 Lamp
Lm24.00

1 Year Guarantee

1 Year Guarantee



**Stand Fan 16"**
Lm11.98



**Desk Fan 12"**
Lm9.93

**Desk Fan 16"**
Lm10.96



**Wall Fan 16"**
Lm11.98

# TV Brackets



## Aluminium Ladders

| | |
|---|---|
| 3-Step | Lm10.75 |
| 4-Step | Lm12.75 |
| 5-Step | Lm14.75 |
| 6-Step | Lm18.75 |
| 7-Step | Lm20.75 |
| 8-Step | Lm23.75 |



**Model L-1-16″**
TV not included
Our Price:
**Lm10.80**

B45



## Heavy Duty Ladders

Robust Steel Construction
• Adjustable Straight / Double and Stairs Application Lm25.50



**Model L-1-21″**
TV not included
Our Price:
**Lm12.00**



*Il-Grupp ta' tfal fil-paddock tal-Kavallerija*

***Section***, ***Mounted Section***, ***Police Museum***, ikla fil-GHQ, ***Police Academy***. 25 tifel u tifla minn Chernobyl qattgħu ġurnata fil-kumpanija tal-Pulizija. Filgħodu t-tfal, akkumpanjati mis-Surġent Charles Abdilla mis-CMRU,



*It-tfal waqt l-ikla fil-GHQ*

ittieħdu jżuru l-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti Sant' Iermu. Wara ħaduhom fit-Taqsima tal-Klieb fil-Mosta fejn il-Pulizija taw wirja bil-klieb.



*Il-Pulizija u l-pubbliku fil-Mellieħa*

Aktar tard it-tfal ittieħdu l-Marsa



*Il-Banda tal-Pulizija fil-Mellieħa*

fejn hemm is-Sezzjoni tal-Kavallerija. Kull tifel u tifla, taħt is-superviżjoni tal-Kuntistabbli Kevin Decelis u Joseph Debattista, ingħataw l-opportunità li jirkbu fuq 'Jeux Ardin' u 'Kalderon', żewġt iżwiemel tal-Pulizija. 'Kalderon', l-aktar żiemel anzjan, ilu 22 sena fis-servizz u



*Tfal jiġu mriekkba fuq mutur tat-traffiku f'Ħal Lija*

wasal biex jitneħħa minn din it-taqsima.

Wara t-tfal kienu mistiedna mill-Kummissarju tal-Pulizija għal ikla fil-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana fejn kienu wkoll imdawra mal-Mużew tal-Pulizija.

8.30 pm

**Mellieħa** - Iddoqq il-Banda tal-Pulizija,

Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġ żwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku/rikkieb.

9.00 am - 5.00 pm

**MOSTA POLICE STATION** - ***Open Day***

***Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju, 2002***

8.30 pm



*Silent Drill Team f'Tas-Sliema*

Lija - Iddoqq il-Banda tal-Pulizija, Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġ żwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku/rikkieb

9.00 am - 5.00 pm

**BIRKIRKARA POLICE STATION** - ***Open Day***

(Ftuħ Uffiċjali)



*Tifel ċkejken fuq mutur tal-Pulizija f'Marsaskala*

Żar xogħlijiet ta' restawr fil-Għassa ta' B'Kara

Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami żar xogħlijiet ta' restawr li qed isiru fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u kellu kliem ta' tifħir għall-impenn li qed juri l-Korp biex itejjeb l-ambjent fl-Għases fejn fihom mhux biss jaħdmu għadd ta' Pulizija, iżda wkoll ihom jirrikorru ħafna Maltin u Għawdxin.

L-attività saret bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-għeluq tal-188 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.

Waqt iż-żjara tiegħu fl-għassa ta' Birkirkara, il-Prim Ministru kien akkumpanjat minn Tonio Borg, il-Ministru għall-Intern u l-Ambjent. Hu ntlaqa' mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u minn diversi fizzjali kif ukoll minn membri mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

***Is-Sibt 6 ta' Lulju, 2002***

8.30 pm

**SLIEMA** - Iddoqq l-Banda tal-Pulizija, Wirja mill-***Precision***



*Marquee display*

***Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġ Żwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku/rikkieb



*L-għassa tal-Pulizija Ħamrun fl-Open Day 09/07/02*

9.00 am - 5.00 pm

**SLIEMA POLICE STATION** - ***Open Day***



*Uħud mill-Bandisti tal-Korp f'Birżebbuġa*

***Il-Ħadd 7 ta' Lulju, 2002***

9.00 am

Fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata - Quddiesa.

Wara servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u Tqegħid ta' Kuruni

11.00 am

Jum il-Pulizija Pensjonanti.

Wara Riċeviment fl-***Officers' Mess***

8.30 pm

**MARSASKALA** - Iddoqq il-



*Il-Kummissarju tal-Pulizija jieħu b'idejn il-membri l-ġodda.*

Banda tal-Pulizija, Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti: Żewġ Żwiemel tal-



*Ġurnalisti jiġu mdawwra mal-Kumpless amministrattiv fl-Open Day fil-HQ11/7/02*

Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku/rikkieb

9.00 am - 5.00 pm

**ZABBAR POLICE STATION** - ***Open Day***

***It-Tnejn 8 ta' Lulju, 2002***

9.30 am

Ftuħ Uffiċjali - ***Police Hobbies - Display***

Kavallier ta' San Ġwann - Valletta - Jattendi l-grupp mużikali tal-Pulizija

7.30 pm

Pjazza d'Armi - St. Elmo - Riċeviment għall-Membri tal-Korp

9.00 am - 5.00 pm

**AKKADEMJA TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI** - ***Open Day***

***It-Tlieta 9 ta' Lulju, 2002***

9.30 am

Ftuħ Uffiċċjali ta' Marquee' -



*Uħud mill-membri u familjari li attendew għall-B.B.Q. organizzat mill-Entertainment Committee*



*Il-Ministru u l-Kummissarju jiġu servuti waqt ix-xiwja.*

display/CMRU Office-
Misraħ Ħelsien - Valletta
7.30 pm
Pjazza d'Armi - St Elmo - Riċeviment għall-Membri tal-Korp
9.00 am - 5.00 pm
**ĦAMRUN POLICE STATION - *Open Day***

***L-Erbgħa 10 ta' Lulju, 2002***
8.30 pm
**BIRŻEBBUGA** - Iddoqq il-Banda tal-Pulizija, Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-Sezzjoni tal-Klieb
Preżenti: Żewġ Żwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal), mutur tat-traffiku/rikkieb.
9.00 am - 5.00 pm
**PAOLA POLICE STATION - *Open Day***

***Il-Ħamis 11 ta' Lulju, 2002***
7.30 pm
**Passing out Parade**
Akkademja tal-Ġustizzja Kriminali - Riċeviment
9.00 am - 5.00 pm
**POLICE GHQ/NEW BLOCK - *Open Day***
9.00 am - 5.00 pm

**NAXXAR POLICE STATION - *Open Day***

## Attivita' f' JUM IL-PULIZIJA

***Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, 2002***
8.45 am
Kwartieri Ġenerali - Quddiesa Pontifikali
10.00 am
Fl-Akkademja tal-Ġustizzja Kriminali - St. Elmo
***Xiwja*** organizzat mill-Kumitat ta' l-***Entertainment*** tal-Pulizija

***Il-Ħadd 14 ta' Lulju, 2002***
6.00 pm
Quddiesa għall-Pulizija Għawdxin/Pensjonanti fil-Kappella taċ-Ċimiterju, Santa Marija, Għawdex.



*Membri mis-Silent Drill f'Marsalforn - Għawdex*

Pjazza San Ġorġ, il-Belt
Parata, Gwardja ta' l-Unur
Wirja mill-Banda tal-Pulizija,
Wirja mill-***Precision Drill Team***
8.00 pm
Piazza D'Armi fl-Akkademja tal-Ġustizzja Kriminali - St. Elmo
Riċeviment - (Bl-Invit)

***Is-Sibt 13 ta' Lulju, 2002***
1.30 pm
Għeluq tal-***Police Hobbies***
Kavallier ta' San Ġwann, Valletta
Preżentazzjoni ta' Ċertifikati
8.00 pm

Servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija
Tqegħid ta' Kuruni
8.00 pm
**MARSALFORN** - Iddoqq il-Banda tal-Pulizija,
Wirja mill-***Precision Drill Team*** u mis-sezzjoni tal-Klieb
Preżenti: Żewġ Żwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal),mutur tat-traffiku
9.00 pm
Riċeviment għall-Pulizija Għawdxin/ Pensjonanti
9.00 am - 5.00 pm
**VICTORIA POLICE STATION - *Open Day***


Need a break?
we offer just what you need
• Special rates for short and long breaks
• Use of pools including buffet lunches
• Conference facilities
• 3 outdoor pools one with seperate childrens section
• 1 large indoor pool (heated in winter) with seperate children section
• Private sandy beach with watersports and scuba diving
• Games rooms and playing field with soft flooring
• Bistro offering snacks
PARADISE BAY HOTEL
★★★★
Cirkewwa
MALTA
Tel: 2157 3981/8, Fax: 2157 3115
Email: paradise@global.net.mt Website: www.paradise-bay.com

# Tberik ta' l-Oqbra







Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq il-188 sena mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, saret il-funzjoni fuq il-Qabar tal-Pulizija fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju.

Iċ-ċerimonja bdiet għall-ħabta tad-9.00 ta' fil-għodu b'quddiesa li kienet ikkonċelebrata minn Fr. Raniero Zammit mgħejjun minn Patri Raymond Bonnici. Wara kontinġent iffurmat minn membri tal-Pulizija immarċjaw sa ħdejn l-oqbra jistennew il-wasla tal-Ministru ta' l-Intern u Ambjent, u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Mal-wasla tagħhom, il-kappillan tal-Korp Fr. R. Zammit qara silta mill-Vanġelu u sar xi kant reliġjuż minn kor iffurmat minn Pulizija nisa. Il-funzjoni kompliet bit-tberik ta' l-oqbra.

Wara t-tberik tpoġġew kuruni tal-Fjuri mill-Ministru ta' l-Intern Dr. Tonio Borg, Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo kif ukoll mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, l-Għaqda Pulizija Pensjonanti, u l-*International Police Association.*

Għal din iċ–ċerimonja wieħed setgħa jinnota diversi membri tal-Korp u ex-membri, kif ukoll familjari ta' ex-membri midfuna, jagħtu tislima xierqa lill-mejtin tagħhom.







# J. & C. FARRUGIA LTD.

Tel: 21 805524, 21 690471 • Fax: 21 805524
Email: jcfar@maltanet.net

- Building Contractors
- Restoration
- Scaffolding Services
- Stone Cleaning







Work executed by JOS:
- St. Helen's Gate Cospicua
- St. Paul's Church Cospicua
- Palazzo Parisio Valletta

JOS
*Stone cleaning with micro-blasting*

# 12th July 2002 Police Day

The day commenced with a Mass at the Police Headquarters at 8.45 am to mark the 188th Anniversary.

Afterwards, the Police Band together with the Guard of Honour and the Precision Drill



Team led by Supt. R. G. Zammit formed up at 9.30 am at City Gate Valletta. They marched off towards Republic Street and the towards Palace Square. On reaching Palace Square, both the Police Band and the Guard of Honour contingent proceeded and presented themselves at the Main Guard. This was followed by the preparation of the contingents awaiting the Commissioner of Police, the



Minister of Home Affairs and Environment, the Prim Minister and his Excellency, the President of the Republic.



The Precision Drill Team departed from the parade and proceeded inside the Palace courtyard.
After giving the salute to all V.I.P.'s followed by an inspection of the Guard of Honour and the Police colours composed of the



Maltese and Malta Police Force Flags, by his Excellency the President of the Republic, the Guard of Honour contingent accompanied by the Police Band which marched off the parade ground and proceeded inside the courtyard.

Immediately after, a display of approximately 10 mintues was played by the Police Band which at the time was on its own at the



*Police Officers with "Colours"*

parade ground.

Immediately after the termination of the Police Band display, the full contingent of Police personnel took part in the defilè which marched on from near Old Theatre ruins towards Republic Street and finally giving salute to the President of Malta.

After the salute, all other contingents kept on marching down Republic Street and dismissed at the far end of the same street. Saluting to the President of the Republic, the Police pensioners contingent departed from the rest of the defilè and took their seating position reserved for at the guest area.

Immediately after and on termination of the defilè, the Police Precision Drill Team gave its performance. The team marched from inside the Palace courtyard towards the parade ground, where a stunning display of approximately 10 minutes was given.



*Dinghy of the A.L.E.*

On termination of the Drill team display, an interaction of the parade followed, both the Police Band and the Guard of Honour marched from the palace yard, towards the parade ground, where together with the Drill Team formed up again in front the Italian Cultural Institute. Immediately after and when all groups were prepared, the parade advanced in Review Order where the National Salute was given. On termination of the National Anthem, the parade marched past in front of the President of the Republic who again took the salute and continued marching off Republic Street.

The Guard of Honour, Police Band and Silent Drill Team kept on marching towards the Police Headquarters from in front Phoenicia Hotel and the Mall road, kept going straight towards Hastings Gardens, turned right by the Curia Buildings and presented themselves in front of the Police Headquarters.

The colour party marched off from their position, towards G.H.Q. main entrance and was dismissed.

During the last phase of the parade, all officers were instructed to 'fallout' where after saluting the Parade Commander, the latter handed over the contingents to the N.C.O. in charge of the parade.



*S.A.G. vehicles*



*Mounted Section*

Traffic section motorcyclists
District vehicles
Mobile squad vehicles
Forensic Unit vehicles
Mobile station Vans
Dog section Vans
A.L.E. Unit vehicle and Dinghy
S.A.G. Unit vehicles.



*Dog Section*

COMPOSITION OF THE DEFILÈ

Police Band
Guard of Honour
Precision Drill Team
District/Branches contingent
Recruits contingent
S.A.G. contingent
Police Pensioners
Dog section (Handlers with dogs)
Mounted Section (on horseback)
District motorcyclists



*New Recruits marching*



*Traffice Motorcyclists*

# Tkunx il-Buffu tar-Raħal




TSG The Sense Group

To promote moderate drinking

Gawdi l-Festa bis-sens:
Ixrob bil-moderazzjoni.

Is-'Sense Group' twaqqaf minn diversi kumpaniji li jipproduċu u jbiegħu xorb alkoħoliku f' Malta.

The Sense Group P.O. Box 36 Balzan BZN 01. Telephone/Fax: 2143 2387 e-mail: tsg@waldonet.net.mt



*District Vehicles*



*Mobile Squad Vehicles*



*District Motorcycles*



*S.A.G. Members*



*The Silent Drill Team*



*Police Band*



# PASS OUT PARADE

## 11TH JULY 2002





# POLIDANO GROUP

**Construction, Manufacturing, Hospitality & Leisure**

Ħal-Farruġ Road • l/o Luqa LQA 05 • Malta
Tel: (356) 244520, 244539, 244241 • Fax: (356) 244200
E-mail: polidano@vol.net.mt

**Polidano Group - Ħal-Farruġ Plant - Luqa**

***A high-tech industrial site comprising a variety of concrete fabrication equipment. Polmix Bricks Ltd, Eagle Beams Ltd, Cement Mix Ltd, and Precast Ltd work in synergy to produce top quality construction products. Mait Ltd, another subsidiary, produces hot and cold asphalt and other related bitumenous products.***




*Polidano Group incorporates:*
- Polidano Brothers Ltd • Polmix Bricks Ltd • Mait Ltd
- Eagle Beams Ltd • Cement Mix Ltd • Polmesh Ltd
- Lapsi Quarry • Polidano Leisure Ltd • Polidano Holdings Ltd

*ISO 9002 Certification*

# Esibizzjoni ta' delizzji 2002

Fl-okkażjoni tal-festi ta' l-Anniversarju tal-188 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo wera l-ħsieb li tiġi mtella' esibizzjoni ta' delizzji li kienet ilha ma' ssir għal dawn l-aħħar snin.

Din l-esibizzjoni saret possibli wara li saret sejħa għall-membri tal-korp li xtaqu jesibixxu x-xogħol tagħhom.

Fil-fatt l-esibizzjoni inżammet fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta fiċ-Ċentru tal-Kreattività mit-8 ta' Lulju sa t-13 ta' Lulju 2002.

L-esibizzjoni infetħet uffiċjalment mill-Ministru ta' l-Intern u Ambjent Dr. Tonio Borg LL.D. MP. flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo.



*Il-Kummissarju flimkien ma' l-esibituri.*

F'din l-esibizzjoni ħadu sehem tmintax-il membru tal-korp li kienu:

Is-Supretendent Pawlu Sammut:
*Pittura*
L-Ispettru Martin Sammut:
*Apparat ta' l-Amateur Radio*
Is-Surġent Joseph Borda:
*Uniformijiet ta' Pulizija Barranija*
Is-Surġent Dunstan Camilleri:
*Mudelli tal-Karozzi*
Is-Surġent Saviour Garzia:
*Helmets militari Ġermaniżi*
Is-Surġent Justin Camilleri:
*Baseball caps ta' Pulizija Barranija*
Is-Surġent Jesmond Cremona:
*Pittura*
Is-Surġent S. Pace:
*Mudelli ta' Bastimenti Navali*
Il-Kuntistabbli Joseph Navarro:
*Pittura*
Il-Kuntistabbli P. Camilleri:
*Pittura*
Il-Kuntistabbli Patrick Cassar:
*Uniformijiet tal-Morini Amerikani*
Il-Kuntistabbli Pierre Bugeja:
*Statwi Reliġjużi*
Il-Kuntistabbli Daniel Scerri:
*Pittura*
Il-Kuntistabbli David Sciberras:
*Brieret u patches tal-pulizija barranija*
Il-Kuntistabbli Alfred Mifsud:
*Mudell ta' Knisja*
Il-Kuntistabbli Charles Zarb:
*Patches tal-pulizija barranija*
Il-Kuntistabbli Maximillian Muscat:
*Mudelli artistiċi maħduma mill-kartun*
Il-Kuntistabbli mara D. Camilleri:
*Xogħol tal-Ganutell*



*Membri tal-Korp jaraw l-esebizzjoni ta' sħabhom*

Kienu ħafna l-persuni li żaru din l-esibizzjoni kemm Maltin kif ukoll turisti. Dawn kellhom kliem ta' tifħir u kummenti tajba dwar l-esibizzjoni u l-livell għoli ta' preżentazzjoni. Ħafn minn dawk li żaru din l-esibizzjoni kellhom iċ-ċans li jagħmlu l-kummenti tagħhom fuq il-Visitors Book kif ukoll ma' l-esibituri.

Hija x-xewqa tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Rizzo li din l-esibizzjoni terġa' ssir is-sena d-dieħla fuq skala akbar u li jkollna post akbar sabiex ma jkunx hemm membri li ma jiġux inklużi minħabba problema ta' spazju.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-management tal-Kavallier ta' San Ġakbu talli tana permess biex nużaw il-lokal biex setgħet tittella' din l-esibizzjoni.

# Modernizzar fl-għases tal-Pulizija



Bħal ma ntqal fil-kumment editorjali tal-ħarġa numru 8 vol. 10 tal-Magazine ***Il-Pulizija***, wieħed mill-impenji tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-immodernizzar ta' diversi għasses tal-pulizija.



F'din il-paġna ser naraw ix-xogħol li sar f'erba' għases tal-Pulizija li fihom sar xogħol kbir minn membri tal-Korp fejn bidlu kompletament l-għasses li kienu fi stat ħażin għal wieħed li jixraq aktar għaż-żminijiet tal-lum u għal-Korp tal-Pulizija. L-għases tal-Pulizija li sar ix-xogħol fihom huma dawk taż-Żurrieq, Ħal-Qormi, B'Kara u tax-Xgħajra li din ta' l-aħħar saħansitra nbiddlu anke s-soqfa.



Ma' dawn l-għasses hemm diversi oħra li qed isirilhom xogħol fihom.





**1**: L-għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi minn ġewwa.
**2**: Ħaddiema jaħdmu fuq il-faċċata ta' l-għassa taż-Żurrieq.
**3**: L-għassa ta' B'Kara waqt li kien qed issir xi xogħol fuq il-faċċata.
**4**: L-għassa tax-Xgħajra.
**5**: L-għassa tax-Xgħajra fejn kien qed issir xogħol fuq ġewwa.

# Għoti ta' Ċertifikati mill-Kummissarju tal-Pulizija

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija ġew mgħotija ċertifikati lil erba' membri tal-Korp li temmew il-karriera tagħhom ricentament mill-Korp tal-Pulizija.

Iċ- ċertifikati ġew imqassma mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo li f'ċerimonja qasira li saret fl-uffiċju tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-Ħadd 28 ta' April, 2002, ġurnata li ser tibqa' minquxa fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija.



*Il-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur John Rizzo jqassam iċ-ċertifikati lill-erba' membri li temmew is-servizz*

Il-membri li ġew mgħotijja dan iċ-ċertifikat huma:

Is- Sur Paul Bartolo ex. Supritendent,
Is- Sur Joseph Magro ex P.C. 262,
Is-Sur Anthony Farrugia ex P.C. 579,
Is-Sur Joseph Cauchi ex P.C. 1321.

Fid-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizja qal li 25 sena huma għomor ta' bniedem u għandhom jiġu rikonuxxuti b'mod dinjituż u bħala ringrazzjament min-naħa tal-Korp għas-servizz li ngħata. Il-Kummissarju rringrazzja lill-erba' membri tax-xogħol li għamlu u awguralhom li jsibu dak li jixtiequ fil-futur. Barra minnhekk is-Sur Rizzo, ħeġġeġ lil dawn l-ex membri biex iżommu l-Korp f'moħħhom u f'qalbhom u jgħinu b'kull mod li jistgħu. Il-Kummissarju kompla jħeġġiġhom sabiex jgħatu sehemhom fl-għaqda tal-Pulizija pensjonanti u fl-għaqda ta' I.P.A. li membri minn dawn l-għaqdiet kienu preżenti għaċ-ċerimonja.

"Għalkemm spiċċajtu mill-Pulizija, xorta għadkom tagħmlu parti mill-familja u li għad baqa' fejn tqattgħu ftit ħin u tibdlu xi idejat. Tenna l-Kummissarju.

Fl-aħħar, is-Sur Rizzo reġa' feraħ lill-ex membri u tenna li min irid jgħin lill-Korp jista' jagħmel dan. F'kummenti is-***Sur Paul Bartolo (ex- Supretendent)*** qal li apprezza ħafna dan il-ġest, ħaġa li qatt ma saret fil-passat. Ġest li kull membru tal-Korp ikun qed jistenna li jiġi rikonoxxut għax-xogħol li jkun wettaq tul il-karriera tiegħu. Din kienet okkażżjoni sabiħa ħafna u kien ta' pjaċir kbir meta kienu nfurmawh b'din iċ-ċerimonja. Is-Sur Bartolo qal li affarijiet bħal dawn j'Alla jibqgħu sejrin u jikbru fil-futur.

***Anthony Farrugia (ex P.C. 597)*** qal li b'affarijiet bħal dawn il-Korp qed juri progress u tħossok li qed tiġi onorat għas-servizz li tkun tajt lis-soċjetà u dak li tkun wettaqt tul il-karriera tiegħek qed jiġi apprezzat. Huwa rringrazzja lill-Kummissarju għal dan il-ġest ferm sabiħ.

***Joseph Magro (ex.-P.S. 262)*** qal li din kienet xi ħaġa ferm sabiħa u j'Alla tibqa' sejra fil-futur. Japprezza ħafna l-interess personali tal-Kummissarju lejn il-membri tal-Korp u tenna li attivitajiet bħal dawn żgur li jagħmlu ġieh u unur għall-Korp tal-Pulizja.

***Joseph Cauchi (ex.-P.C. 1321)*** qal li kien ġest sabiħ ħafna, għax li tispiċċa mill-Korp u qisu ma ġara xejn, mhux ħaġa sabiħa, għall-anqas l-apprezzament hemm qiegħed. Il-31 sena li għamel fil-Korp ġew apprezzati mill-Kummissarju u ta' dan xtaq jirringrazzjah.

Affarijiet bħal dawn għandhom jiġu mfaħħra u jibqgħu sejrin biex bħal ma ħa pjaċir hu jieħdu pjaċir anke ta' warajh.



*L-erba' ex-membri tal-Korp li b'simbolu ta' tifkira kienu għadhom kemm ingħataw mill-Kummissarju*

# Is your security system alert 24 hours a day?

BELL

Chubb



## Feel Safe

Philip Toledo Ltd. has been in the security business for over fifty years, and is the sole local distributor for the world renowned **Chubb** and **Bell** security products including:

- Intruder Alarms
- Fire Alarms
- Access Control Units
- Closed Circuit TV
- Security Safes
- Document Fire Safes
- Computer Media Safes
- Integrated Security Systems

BSI REGISTERED  UKAS QUALITY MANAGEMENT 003

ISO 9002 Certificate No. FS 55188

**PHILIP TOLEDO LIMITED**
Computer & Communication Solutions

Notabile Road, Mriehel BKR01. Tel: 21 44 55 66 Fax: 21 48 43 16
e-mail: info@ptl.com.mt www.ptl.com.mt

22494 - 02/2002




## Pulizija veterani vs Uffiċjali tal-Korp

Qed issir logħba klassika dik bejn l-uffiċjali tal-korp mir-rank ta' spettur 'il fuq kontra l-*other ranks*. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-188 sena mit-twaqqif tal-korp tal-pulizija ġiet organizzata din il-logħba futbol.

Din il-logħba saret fil-5 ta' Lulju 2002 fil-*ground* tal-Marsa, u ntlagħbet wara dik tal-Pulizija vs il-Viġili Urbani. Bħas-soltu l-konkorrenza għal din il-partita kienet waħda inkoraġġanti u jidher li qed issir popolari.

Bit-tim tal-pulizija jikkonsisti minn diversi players li kienu jilgħabu fit-tim tal-pulizija ma setax jonqos li għal ħafna ħin speċjalment fl-ewwel taqsima l-pussess tal-ballun kien kontinwament f'idejhom.

Bis-supretendent Pierre Calleja fil-lasti nista' ngħid li kien hu li stimola lil sħabu fil-*ground*. B'*saves* spettakolari li personalment ġabuli memorji ta' meta kien jilgħab għal Malta, tista' tgħid li dak kollu li tefgħu lejh il-veterani nnewtralizza kull sforz.

Fl-ewwel taqsima t-tim tal-veterani kienu l-ħin kollu ġejjin bl-ispetturi A. Zammit, u D. Theuma fuq il-'*flanks*' il-ħin kollu attivi biex jaqtgħu il-'*crosses*' ta' P.C. 252 fuq naħa u ta' P.S. Gino fuq in-naħa l-oħra.

P.C. 411 flimkien ma' P.S. 874 f'nofs il-ground ma waqfu xejn u li ma kienx għax-xogħol bla waqfien tal-ispettur S. Millo naħseb li s-supretendent Calleja kien ikollu ħafna aktar xogħol x'jagħmel.

Minn wara għat-tim tal-veterani bdew ġejjin P.S. 673 u P.C. 52 biex wieħed jista' jimmaġina l-pressjoni li tefgħu fuq it-tim tal-uffiċjali. Intant is-supretendent Calleja salva fuq xuttijiet ta' P.C. 252, P.S. 874, P.C. 411 u ta' P.C. 991.

F'wieħed minn tlett okkażjonijiet fejn l-uffiċjali heddew id-difiża avversarja fl-ewwel taqsima l-ispettur A. Miruzzi dan bidel il-ballun ma' l-ispettur J.C. Ellul iżda l-aħħar pass ġie interċettat minn P.S. 496 u l-periklu tbiegħed.

Fit-tieni taqsima kienet storja differenti, għalkemm it-tim tal-veterani baqa' jiddomina, it-tim ta' l-uffiċjali beda jattakka iżjed, fejn hawnhekk beda jidħol spiss fl-azzjoni s-supretendent R. Zammit li beda jkun xewka għad-difiża avversarja. Minħabba f'hekk il-pressjoni fuq id-difiża ta' l-uffiċjali naqset sew. Fit-tieni taqsima l-ispettur Anġlu Caruana bħal donnu nbidel u kien minn ħarba tiegħu fuq il-linja fejn għadda l-ballun lill-ispettur Ellul dan mill-ewwel ta lejn l-ispettur A. Miruzzi li b'xutt angolat għeleb lill-*goalkeeper* avversarju Massa biex għamel l-iskor 1-0.

Wara li sabu ruħhom *goal* minn taħt it-tim tal-veterani tefgħu kollox fuq l-attakk bit-tim ta' l-uffiċjali jopera bil-kontra attakki. F'wieħed minn dawn il-kontra attakki l-ispettur Ellul irċieva l-ballun mingħand l-ispettur Millo f'nofs il-*ground* avvanza fejn flok qassam lis-supretendent Zammit għażel li jibqa' dieħel bil-ballun, bix-xutt finali tiegħu jiġi milqugħ b'faċilita mill-*goalkeeper* Massa. (Wara l-partita l-ispettur Ellul tpoġġa fuq it-'*transfer list*')

